MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Numru. 257/2007

Il-**Pulizija**

**Spettur Nadia Lanzon**

**VS**

**Grace Cini, bint Joseph u Giovanna nee' Azzopardi, imwielda Tal Pieta' nhar is-16 ta' April, 1971, residenti fil-fond St Joseph A, 29, Liedna Street, Fgura, detentrici tal-karta tal-identita' numru 200971M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Grace Cini**, li giet akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-27 ta' Marzu, 2007, u matul it-tlitt xhur ta' qabel din

id-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Forniet jew ipprokurat, jew offriet li tforni jew li tipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i, minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta, u minghajr ma kienet awtorizzata bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta, li tforni d-droga msemmija, minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellha licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati, u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli kellha fil-pussess taghha d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija, u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga msemmija fil-pussess taghha, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Oridnanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi moqrija l-istess, l-imputata wiegbet illi ma kinitx hatja taghhom.

Rat l-Ordni mibghuta mill-Avukat Generali, ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi).

Rat ukoll illi aktar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni taht l-imsemmi Kapitolu (folio 382).

Semghet primarjament ix-xhieda tal-pulizija nvoluti f'din l-investigazzjoni. Ghalhekk **l-Ispettur Nadia Lanzon** xehdet primarjament fuq investigazzjoni li kienet qieghda ssir minn pulizija addetti mal-Iskwadra kontra l-Vizzju tad-Droga. Hi ma kinitx prezenti waqt l-osservazzjoni li kienet qed issir fuq ir-residenza ta' Grace Cini. Minn tali nvestigazzjoni, gew investigati minnha diversi persuni. Ghalhekk xehdet illi nhar il-15 ta' Marzu, 2007, Joseph Camilleri, maqbud mill-pulizija f'din l-osservazzjoni, ikkonferma maghha li kien bela' d-droga li kienet f'pakkett ta' hamsa, eroina. Kien qallha li kien appena xtara qabel ma gie mwaqqaf mill-pulizija, l-istess droga, minghand Grace Cini. Xehdet l-Ispettur illi dan Camilleri kien qallha li kien ilu jixtri d-droga minghand Grace Cini ghal dawn l-ahhar hames (5) gimghat. Ziedet illi kien anke gguramenta l-istess stqarrija quddiem il-Magistrat Inkwirenti (vide PV numru 446/2007).

Gew arrestati wkoll f'din l-osservazzjoni li kienet qieghda ssir fuq ir-residenza ta' Grace Cini, zewg persuni ohra, li xehdet l-Ispettur ukoll gew mitkellma minnha. Xehdet dwar l-investigazzjoni li ghamlet fuq l-imwaqqaf Massimo Caruso, li skondtha kkonferma li kien xtara d-droga minghand Grace Cini versu l-prezz ta' ghoxrin lira Maltin (Lm20.00). Ikkonferma maghha li d-droga kien ramieha meta marru fuqu l-pulizija. Stqarr maghha li kien xtara d-droga minghand Grace tliet darbiet. Anke dan Massimo Caruso gguramenta l-istqarrija minnu rilaxxata (PV 526.2007).

Xehdet dwar dak illi qallha Leandros Cutajar. Qalet illi dan, mistoqsi jekk kinx xtara droga minghand Cini, irrifjuta li jirrispondi.

Dawn iz-zewg arresti gew effettwati fuq l-osservazzjoni li saret fuq Grace Cini fil-21 ta' Marzu, 2007.

Xehdet illi minn osservazzjoni ohra, issa datata 27 ta' Marzu, 2007, gie osservat persuna ohra li dahal ghand Grace Cini. Meta hareg dan ukoll gie mwaqqaf mill-pulizija, dan kien Emmanuel Ciappara. Qalet illi anke dan, wara li gie

mitkellem ghazel illi jikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament (vide PV 446.2007).

Kompliet tixhed li giet ghalhekk arrestata l-imputata flimkien ma' zewg persuni ohra – certu Tara Attard u Aaron Privitera. Dawn l-ahhar tnejn ukoll gew osservati, skont kif ser jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-pulizija nvoluti f'din l-operazzjoni, dehlin ghand l-imputata. Ezebiet ghalhekk l-istqarrija ta' Grace Cini bhala Dok GC folio 34; il-mandat mahrug kontra l-imputata bhala Dok GC1 folio 36; l-ircevuta tal-oggetti elevati minghand l-imputata bhala Dok GC2 folio 38.

Xehed **PS 765 Samuel Attard** dwar din l-osservazzjoni li kienet qieghda ssir gewwa Liedna Street. Kien ma' PC 1065 u gew imsejha minn PC 1065 dwar zewg persuni li kienu dahlu ghand Cini – certu Anthony Meilaq u Joseph Camilleri. Qal illi dawn gew segwiti u dehru jixhtu xi haga f'halqhom. Gew arrestati, u maghhom, moghtija s-solita twissija, ammettew illi kienu ghadhom kif jinqdew bid-droga eroina. Xehed illi regghu marru fil-post osservat fil-21 ta' Marzu – hawn waqt l-osservazzjoni raw vettura KAC703 tavvicina l-istess residenza, fejn kienet toqghod l-imputata. Giet imwaqqfa din il-vettura, fiha kien hemm Massimo Caruso. Instabet taht il-karozza tieghu d-droga eroina. Moghti t-twissija, anke dan ammetta li din inxtrat minghand l-imputata. Ra anke lil certu Leandros Cutajar jarmi xi haga, li rrizulta li kienet aktarx eroina. Anke dan skont dan ix-xhud, moghti d-debita twissija, ammetta li kien xtara l-istess minghand Grace Cini.

Rega' kien involut f'din l-osservazzjoni ohra fis-27 ta' Marzu, flimkien ma' PC 1065. Qal illi hawn avvicinaw vettura TFC659 li minnha hareg certu Manuel Ciappara, li wkoll dahal fir-residenza osservata. Gie mwaqqaf f'Ghajn Dwieli, pero fuqu ma nstabet ebda droga.

Fuq informazzjoni li l-imputata kienet harget mill-partner taghha, rega' rritorna fil-post tal-osservazzjoni u meta rritornaw lura maghhom kien hemm fil-vettura certu Tara Attard. Wara tfittxija li saret fuq din, instabu affarijiet relatati mad-droga.

**PS 1355 Cleon Pershouse** xehed ukoll dwar osservazzjoni li kienet qed issir fuq ir-residenza ta' Grace Cini. Xehed illi fil-15 ta' Marzu, effettwaw - hu u PS

765, tftittxija fuq zewg persuni, pero fuqhom ma sabu xejn. Qal illi ghalkemm gie hekk infurmat, hu lil dawn ma rahom jibilghu xejn.

Fil-21 ta' Marzu, 2007, gie nfurmat minn PS 1065 illi kienet dahlet vettura Peugeot hadra. Waqqfu l-istess vettura. Qal illi hu flimkien ma' shabu ghamlu tfittxija fil-vettura. Xehed illi WPC 149, involuta fl-istess tfittxija, innutat borza zghira hdejn il-bieba tad-driver, barra mal-art. Giet skont dan ix-xhud migbura din il-borza mill-istess Kuntistabbli. Dehret borza bi trab kannella. Qal illi l-Kuntistabbli tatu din il-borza u hu taha lil WPC 86 li skondtu haditha d-Depot. Kompla jghid illi aktar tard dahlet persuna ohra fir-residenza, u harget wara ftit. Qal illi din meta rathom sejrin fuqu, tefa' xi haga mal-art. Din skondtu kienet borza zghira wkoll bi trab kannella. Anke dan bhall-ohrajn ittiehed ghand l-Ispettur Lanzon. Xehed illi hu kien ra lil din il-persuna tarmi xi haga mal-art. L-ismijiet tan-nies imwaqqfa u arrestati fil-15 ta' Marzu kienu skondtu, Joseph Camilleri u Anthony Meilaq; u tal-21 ta' Marzu, Massimiliano Caruso u Leandros Cutajar.

**PC 1183 Oliver Borg**, ukoll parti minn din l-osservazzjoni, xehed illi fis-27 ta' Marzu, 2007, hu flimkien ma' PS 7865 u WPS 149, fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Nadia Lanzon, u wara li kienu qed jaghmlu ghassa mar-residenza ta' Grace Cini, ra karozza titbieghed mill-akkwati. Qal illi waqqfu l-istess vettura, u li kienet misjuqa minn certu Emanuel Ciappara. Zied illi anke saret search fir-residenza ta' Grace Cini fil-presenza taghha.

Minn naha taghha, **WPC 141 Ruth Sammut**, iddeponiet dwar xoghol illi kien qieghed isir mill-Iskwadra nhar il-21 ta' Marzu, 2007 fuq fond St Joseph, Triq il-Liedna, Fgura. Anke din kienet prezenti meta twaqqfet il-vettura Peugeot ta' kulur ahdar. Ziedet illi hdejn il-bieb tax-xufier sabet forma ta' ballun ta' diametru ta' circa zewg (2) centrimetri. Hawn kienet qed tirreferi ghal Massimiliano Caruso.

Aktar tard ikkonfermat illi hi kienet anke prezenti meta twaqqfet il-vettura Citreon Xsara - fiha kien hemm Aaron Privitera, Grace Cini, u Tara Attard. Xehdet illi t-tfittxija fir-residenza tal-imputata tat rizultat fin-negattiv. Minn naha l-ohra fil-handbag ta' Tara Attard instabu siringi godda, ohra qadima, xi citric acid, foils, straws, u mgharfa jew kuccarina mahruqa.

**PC 484 Emanuel Tonna**, dwar l-osservazzjoni tal-21 ta' Marzu, 2007, qal illi wara li rcieva nformazzjoni fuq raid fuq individwu li kien appena hareg mid-dar tal-imputata, gie dan segwit u mwaqqaf – dan kien Massimiliano Caruso. Saret tfittxija fuqu u fil-vettura, u nstabet - mhux minnu pero, hdejn il-vettura borza bi trab kannella. Hu fil-fatt ma rahx jarmi l-istess borza.

Regghu segwew vettura ohra ta' persuna li gew infurmati li harget minghand Cini – dan kien Leandros Cutajar. Kien anke nvolut fit-tfittxija li saret fir-residenza ta' Grace Cini.

**PC 1065 Neville Grech**, ukoll xehed dwar tlitt ijiem li ghamel josserva r-residenza tal-imputata. Qal illi f'dawn il-jiem ra nies ihabbtu, jidhlu fl-istess residenza, jdumu gewwa xi tlieta jew erba' minuti, u johorgu. Kien hu li kien qed jaghti struzzjonijiet lill-kollegi tieghu biex jitwaqqfu dawn in-nies (xi wiehed minnhom). Id-dati li ghamel referenza ghalihom kienu tal-15 ta' Marzu; 21 ta' Marzu; u 27 ta' Marzu. Xehed ukoll li fit-tielet gurnata ra anke lil Aaron Privitera hiereg bil-karozza Citreon Xsara, ghadda din l-informazzjoni lil shabu. Xehed ukoll illi hu kien anke ra lil Leandros Cutajar idahhal u johrog xi haga minn halqu.

Aktar tard fil-mori ta' dawn il-proceduri, regghet xehdet ukoll l-**Ispettur Nadia Lanzon**, illi ezebiet Dok NL – droga li li allegatament intramiet minn Massimo Caruso; Dok NL 1 - qartas tal-plastic b'sustanza kannella elevata minn PS 1355 fil-21 ta' Marzu, 2007; u Dok NL 2 - SIM card li ttiehdet minn fuq il-persuna ta' Tara Attard.

Godwin Sammut, nominat biex jaghmel analizi fuq id-droga, ezebixxa zewg relazzjonijiet, Dok GS folio 139, fejn ikkonkluda hekk:

"

*Illi fl-estratti mehuda mit-trab ta' lewn kannella li hemm fid-dokument 305_07_01 u 305_07_02, instabet is-sustanza **Eroina**. Il-piz tat-trab kien ta' **0.96 grammi**, u l-purita' kienet ta' circa **33%**. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-Ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta.*"

Din ir-relazzjoni saret fir-rigward ta' analizi ta' din id-droga ezebita.

Aktar tard, ezebixxa t-tieni relazzjoni tieghu, Dok GS1 fejn dwar il-valur ikkonkluda li d-droga tal-eroina misjuba kienet ta' valur ta' sebgha u hamsin Ewro u sittin centezmu (€57.60), ekwivalenti ghal erbgha u ghoxrin Lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm24.73).

Jirrizulta li darba li hareg mir-residenza ta' Grace Cini, gie mwaqqaf anke certu Anthony Meilaq. Dan xehed illi hu kien habib ta' Aaron (Privitera). Qal illi hu kellu bzonn ibiegh xi deheb biex ikollu biex jiekol u biex jixtri affarijiet minghand il-grocer. Aaron irreferieh ghand l-gharusa tieghu ghax din kienet thobb id-deheb. Biegh choker lil Grace ghall-prezz ta' hamsa u sittin lira Maltin (Lm65.00). Qal illi kienu waqqfuh il-pulizija wara li hareg mid-dar ta' Grace Cini. Xehed illi darba li kien fid-dar ta' Grace Cini, hu ma ra xejn jigri, ma ra xejn hazin.

Ittella' jixhed **Leandros Cutajar** li qal dwar ic-cirkostanzi li gie arrestat fihom li kien mar ghand Grace l-imputata biex jissellef xi haga tal-flus. Zied hekk "*Imbaghad hrigt barra u tlajt qisu zewg kantunieri, hekk, u rajt tmienja (8) jigru ghal fuqi u jien kelli doza fuqi ghall-uzu personali.*" (folio 65) Qal dwar din id-doza li kien xtraha ftit qabel ma mar ghand Grace Cini. Qal illi gieli kien issellef flus minghand Grace, anke gieli ssellef pakkett sigaretti. Mistoqsi minn fejn kien jixtri d-droga, wiegeb illi minn hafna nhawi. Mistoqsi jekk barra ghas-self ta' flus, qatt marx ghand Grace Cini ghal xi raguni ohra, wiegeb illi ma kinx jidhirlu. Qal illi hu lilhom kien jafhom ftit. Mistoqsi ghalfejn kien imur ghand Grace Cini, wiegeb biex jissellef il-flus, u li ma tantx kien imur hemm (folio 67). Kien ilu jaf lil Grace tlitt(3) xhur. Innega li hu qatt xtara droga minghandha. Mistoqsi kinx gie mhedded, wiegeb fin-negattiv. Qal illi hu kien jara lil Grace biss meta kien ikollu bzonn il-flus u li hekk biss kien jafha. Ftit wara qal illi pero kien jiltaqa' maghhom (b'referenza ghal Grace u Aaron) hafna drabi, imbaghad qal illi ftit drabi, u li gieli ssellef xi haga. Qal illi forsi mar jissellef xi tminn (8) darbiet. Qal illi hu mar ghand Grace biss ghalhekk, mhux ghal droga. Issa qal illi ssellef minghandha xi hames (5) darbiet. Zied illi gieli anke kien jissellef minghand nies ohra. Qal illi gieli ssellef minhabba droga – eroina. Qal illi ma kinx jaf illi Grace kienet tbiegh droga eroina, u li minghandha qatt ma ha. Zied illi lanqas kien jaf li Grace tbiegh id-droga. Qal illi ghalkemm ma kinx jafhom sew, Grace kienet tafdah u ssellfu. Xehed illi kien sar jaf lil Grace mis-Ceasar's Bar u li gieli kien kellimha hemmhekk.

**Massimo Caruso**, xehed kif gia' ntqal, kemm quddiem din il-Qorti viva voce, kif ukoll quddiem il-Magistrat Inkwirenti meta kkonferma l-istqarrija bil-

gurament ai termini tal-Artikolu 21(a)(12)(13) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk tul il-kors tax-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, giet moqrija lilu l-istess stqarrija li hu kkonferma.

Qal ghalhekk illi hu kellu Peugeot 106 blu bin-numru KAC943. Ikkonferma li hu kien jiehu smack, kien jisniffja u li kien ghamel tlitt snin clean. Qal illi issa kien qieghed jiehu darba fil-gimgha, ikkonferma li l-gurnata tal-istqarrija hu kien mar jixtri d-droga minghand Grace li kienet toqghod il-Fgura, vicin tat-Tip Top. Qal illi kien ilu jixtri minghand Grace ghal xi gimaghtejn, u fil-gurnata meta nqabad kien xtara darbtejn (2). Kien icemplilha fuq il-mobile, jistaqsieha jistax imur. Qal illi kien ihabbtilha, tarah bil-camera, tiftahlu bl-intercom, jidhol, jitla' it-tarag ghal gol-kcina, taghtieh id-droga li tkun f'idejha u jhallasha.

Ammetta li filghodu kif hareg minghand Grace, marru fuqu l-pulizija. Zied illi kif hekk induna, rema l-pakkett li kien ghadu kif jixtri. Hallas ghoxrin lira Maltin (Lm20.00) tad-droga lil Grace.

Ikkonferma li kien gharaf lil Grace fuq ritratt muri lilu mill-pulizija. Gharafha fl-Awla.

**Joseph Camilleri** wkoll minn naha tieghu xehed kemm viva voce quddiem din il-Qorti, kif ukoll kien qabel ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Moqrija x-xhieda tieghu minn din il-Qorti, wiegeb illi kellu l-vizzju tad-droga u li kien darba, ghalkemm mhux kuljum, kien jiehu pakkett ta' five (5). Ikkonferma li filghodu, x'hin ra l-pulizija sejrin fuqu, bela' pakkett bl-eroina.

Mistoqsi mill-Qorti minn fejn gab id-droga, wiegeb issa viva voce "*….ghax ma tantx naf jiena ta.*" (folio 88). Qal illi hu kien mar ibajjad ghand Grace, u kellu johdilha tletin lira Maltin (Lm30.00). Qal issa li peress illi kien *clean* qallha li xtaq jiehu "*naqra ……smack*", u qaltlu "*…..ghandi naqra.*" "*Taghtini naqra?*" (ibid).

Qal illi din belaghha ghax kif hareg ra lis-CIDs li marru fuq iehor, u li hu ma kinx jaf, li minn naha tieghu tefa' d-droga mal-art. Qal illi l-iehor beda jkellmu li ommu kienet mietet. Hawn kienu barra fit-triq.

Iddeskriva l-pakkett illi xtara bhala wiehed tal-plastic bi smack li kien jiswa erba'(4) liri Maltin (Lm4.00). Ikkonferma li kien ghadu kif jixtri l-istess pakkett

minuti qabel minghand Grace. Qal viva voce li hu nqeda biss darba minghand Grace; mentri fl-istqarrija ddeskriva lil Grace sew, u zied illi kien icemplilha qabel ma jmur, jghidilha biex taghtieh pakkett, tghidlu li *all right*, seta' jmur, imur id-dar taghha l-Fgura, ihabbtilha, tinzel tiftah, jitla' warajha t-tarag, u qisu f'nofs it-tarag ittieh il-pakkett li jkun f'idejha u jaghtieha l-flus, u jitlaq 'il barra.

Fuq dawn id-dettalji, viva voce qal illi dawn, anke d-deskrizzjoni taghha, gew suggeriti lilu mill-pulizija li anke bdew jghajtu mieghu.

Meta din il-Qorti fakkritu li quddiem il-Magistrat Inkwirenti kien qal bil-gurament li kien ilu jinqeda minghand Grace "*dawn l-ahhar tliet gimghat*", imur darba fil-gimgha, issa viva vice qal illi qal hekk ghax kien qieghed jibza'. Qal issa "*Darba kont immur.*", imbaghad "*Darba mort ghax mort biex inbajjad u hekk, u dak il-hin kont imbezza'.*" (folio 93)

Qal ukoll, nonostante li nsista fuq it-tibjid, anzi kkonferma dak illi qal fl-istqarrija - u cioe' dak gia' riprodott li kien cemplilha, tela' t-tarag warajha, u f'nofs it-tarag taghtu d-droga.

Rega' baqa' jinsisti li pero darba mar!

Anke **Manuel Ciappara** xehed viva voce wara li kien irrilaxxa stqarrija guramentata. F'din, kif anke quddiem din il-Qorti, ikkonferma li l-gurnata li kien gie maqbud mill-pulizija, kien mar ghand Grace Cini biex jixtri "*puppy*".

Viva voce, ghalkemm ammetta li kellu problema ta' droga, eroina, qal issa li kien igibha minghand wiehed Gharbi li bil-laqam kien "*Zigaj xi haga hekk.*" (folio 99, PV).

Ammetta viva voce li fl-statement guramentat ipponta lejn Grace bhala l-bejjiegha tad-droga – dan skondtu ghax l-Ispettur kienet hi li kitbet l-statement u ghax bezzaghtu. Qal illi bil-gurament kien zbalja, u kien imbezza' mill-pulizija. Qal illi qal dak li qal ghax barra l-biza' kellu t-tfajla fuq ix-xoghol u ma ridx kummiedji fuq ix-xoghol tat-tfajla, u ha s-suggeriment tal-Ispettur li jaqbad u jehles, allura skondtu qabel ma dak illi qaltlu l-Ispettur. Anke meta gie quddiem il-Magistrat Inkwirenti, qal illi ghalkemm ma kinx imbezza' mill-Magistrat pero xorta baqa' bezghan mill-pulizija.

Mistoqsi minn din il-Qorti giex mhedded mill-Magistrat, wiegeb illi le; hu beza' ghax beda jahseb li l-pulizija kienu ser imorru jarrestaw lit-tfajla.

Senjalament fl-istqarrija guramentata qal illi gieli kien imur jixtri minghand Grace droga eroina, ghall-ahhar xahrejn, tlitt xhur; illi kien jinqeda minghandha billi jcemplilha fuq il-mobiles taghha. Ikkonferma anke quddiem l-istess Magistrat, ix-xbiegha ta' Grace murija lilu fuq ritratt (hemm ezebit).

Rega’ xehed aktar tard u baqa’ nsistenti li d-droga kien jixtrieha minghand wiehed Gharbi, u li kien ghand l-imputata minhabba kwistjoni ta’ annimali. Baqa’ jinsisti li gie mhedded mill-Ispettur.

Minn naha taghha **Tara Attard** - ukoll kif rizultanti mix-xhieda tal-pulizija, arrestata f’dan ir-raid xehdet illi hi giet hekk arrestata meta kienet fil-karozza ma’ Grace biex din twassalha ghax-xoghol. Ikkonfermat illi Emanuel Ciappara l-boyfriend taghha kien sejjer jara puppy. Anke din xehdet li l-pulizija bezzughha u hedduha, u li kienet mghaggla ghax riedet tmur ghax-xoghol, nonostante cio’ xorta baqghet tinsisti li ghaddiet ghand Grace biex twassalha. Qalet illi Grace ghax kienu hbieb gieli wasslitha u sellfitha.

**Aaron Privitera** qal li l-pulizija kienu marru d-dar, ikkonferma li kien johrog mal-imputata, u li hi kienet tghix mieghu fil-post li hallietlu ommu. Xehed illi fit-tfittxija fil-fond il-pulizija ma sabu xejn illegali.

Minn naha tieghu **Dr Martin Bajada**, ezebixxa r-relazzjzoni tieghu dwar l-ezami li sar fuq id-dokument Dok NL2 – SIM card ezebita mill-Ispettur Nadia Lanzon.

Rat ukoll ix-xhieda ta’ **Brian Farrugia** f’isem Transport Malta, dwar il-vetturi maqbuda u registrati fuq nies ohra barra x-xhieda deponenti f’din il-kawza.

Rat ukoll il-Qorti li kif gia’ premess, illi l-Avukat Generali baghat il-Kontro Ordni fis-7 ta’ Awwissu, 2009.

Rat illi meta dawn il-proceduri waslu ghall-provi tad-Difiza, gew stullifikati anke b’nuqqas ta’ dehriet tal-imputata. Ittawlu wkoll ghax il-Qorti bdiet tisma’ smiegh ta’ rikors biex tigi revokata l-liberta’ provizorja tal-imputata minhabba ksur ta’ kundizzjonijiet. Nonostante dan, xorta ghal tul ta’ zmien, la l-imputata u lanqas l-Ufficjal Prosekutur ghal diversi seduti ma dehrux;

Rat illi gie ntavolat it-tieni rikors dwar ksur tal-liberta’ provizorja;

Rat illi l-imputata anke biddlet l-Avukat; pero provi difiza, moghtija diversi differimenti ghal dan, baqghu ma tressqux, anzi baqghu jintalbu varji differimenti u ebda prova qatt ma mmaterjalizzat ruhha. Anke mhollija ghat-trattazzjoni ghal diversi drabi, dan qatt ma avvera ruhu.

Ikkunsidrat:

Illi kif gia’ gie espost mill-ezami tal-provi prodotti, din il-kawza ghandha zewg tipi ta’ provi mressqa – il-pulizija li kienu nvoluti fl-osservazzjoni u l-arresti gia’ ndikati; u t-tlitt xhieda principali mressqa li rrilaxxaw stqarrija guramentata.

Issa l-pulizija deponenti, kienu ferm cari f’dak illi raw – nies dehlin u hergin fi zmien qasir minghand Grace Cini fi tliet okkazjonijiet differenti. Imwaqqfa, lil wiehed sabulu droga eroina hdejn il-karozza, iehor gie osservat jibla’ xi haga.

Minn naha l-ohra x-xhieda Caruso, Ciappara, u Camilleri meta telghu jixhdu vova voce, kollha b’xi mod biddlu l-verzjoni taghhom biex jiskulpaw lill-imputata. Caruso, ghalkemm jammetti li xtara minghandha eroina, naqqas l-okkazjonijiet tax-xiri. Addirittura Ciappara u Camilleri jixhdu li qalu dak li qalu fl-istqarrija ghax kienu hekk imgieghla mill-Ispettur; kienu tant bezaghna mill-pulizija li anke gguramentaw l-istqarrija taht effett ta’ din il-biza’ quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Leaondros Cutajar, per ezempju, ghalkemm mhux cert fix-xhieda tieghu kemm kien jaf lil Grace, ghax tali konfuzjoni rrispekkjat waqt illi kien qed jiddeponi, ried ukoll illi jitwemmen li hu kien mar ghand Grace biex jissellef xi haga tal-flus!

Haga komuni fost dawn ix-xhieda hi d-droga eroina, misjuba jew ammessa fl-istqarrija.

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti kellha l-opporunita’ li tara b’ghajnejha l-komportament tal-erba’(4) xhieda mtella’, tisma’ t-titwig li hargu bih biex ixejnu dak minnhom

guramentat quddiem il-Magistrat Inkwirenti. M'ghandha ebda dubbju din il-Qorti, illi kull Magistrat Inkwirenti nvolut fit-tehid tal-istqarrijiet guramentati, uza kull kawtela lilu moghtija mill-Ligi fit-tehid tal-istess stqarrijiet. Illi l-funzjoni tal-Magistrat hawn hija wkoll li jassigura li ebda xhud ma jigi suggett ghal ebda pressjoni mill-Ufficjal Investigattiv, u kull persuna mressqa quddiem Magistrat tgawdi din il-protezzjoni jew tista' titlobha. Hija konvinta wkoll il-Qorti, illi fil-kaz in ezami l-pulizija ma ezercitawx dik il-pressjoni li t-tlitt xhieda b'mod identiku ssenjalaw.

Illi ghalhekk din il-Qorti, hija anke konvinta li jekk sar xi tip ta' ndhil jew pressjoni, saret fuq dawn ix-xhieda **pero mhux (enfasi tal-Qorti)**, mill-pulizija u wisq anqas ghax setghu bezghu mill-Magistrat. Hija konvinta l-Qorti li l-verita' fil-fatt intqalet minnhom a tempo vergine, u quddiem din il-Qorti ppruvaw ibenglu l-verzjoni gia' minnhom moghtija. Ghalhekk din il-Qorti hija daqstant konvinta mill-htija ta' Grace Cini, skont l-akkuzi lilha addebitati u dan wara li rat GN 292/1939; L.S. 101.2002; ir-Raba' (4) u s-Sitt (6) Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikoli 22(1), 22 (1B), 22(2)(b) – ilkoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dwar il-piena, il-Qorti anke rat il-fedina penali aggornata tal-imputata;

Qieset illi l-pulizija matul l-osservazzjoni taghhom, f'medda ta' tlitt ijiem differenti, rat diversi nies dehlin u hergin minghand Grace Cini. Ifisser dan, u dan anke gie kkonfermat minn xi whud bil-gurament, illi Cini kienet ben organizzata fil-bejgh tal-eroina u li kienet ghaddejja sew f'dan in negozju. Kellha l-kunfidenza f'dak illi kienet qed taghmel, rifless dan fil-frekwenza li kienet taghmlu!

Ghaldaqstant din il-Qorti, tqis illi hi ghandha tbati piena karcerarja effettiva ta' sitt (6) snin;

U multa ta' tmint elef Ewro (€8,000).

Rat ukoll l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u qieghda tikkundannaha thallas l-ispejjez peritali ammontanti ghal erba' mija hamsa u disghin Ewro u tmenin centzmu(€495.80), liema somma ghandha tithallas fi zmien xahar (1) li hi tiskonta l-piena karcerarja hawn inflitta.

Tordna wkoll illi d-droga ezebita u mmarkata IB 217.2007 tigi distrutta, u konsegwentement tordna wkoll illi kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qrati Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------